**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-23 ta' Frar 2022**

**Rikors Numru : 45/2019 JPG**

**Kawza Numru : 26**

**MM**

**Vs**

**GM**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' MM, datat 30 ta' Jannar 2019, a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewwgu nhar it-23 ta' Jannar 1982, skont kif jidher mill-Att taz-Zwieg relattiv illi kopja tieghu qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok A;*

*Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal ADM u ALM li llum-il gurnata huma t-tnejn maggorenni ta' hamsa u tlein (35) u tnejn u tletin (32) snin rispettivament;*

*Ili z-zwieg bejn il-partijiet sfaxxa u tkisser irrimedjabbilment u dan minhabba ragunijiet rikonoxxuti mill-Ligi u effettivament huma ilhom separati legalment mill-11 ta' Dicembru 2000, skond ma jidher mill-kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni personali hawn anness, esebit u mmarkata bhala Dok B, b'dan illi huwa sodisfatt ir-rekwizit tal-Artikolu 66B(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi llum-il gurnata, il-partijiet jghixu hajja totalment separata minn xulxin u ghalhekk ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-*

*partijiet. B'hekk huwa sodisfatt ukoll ir-rekwizit ta' l-Artikolu 66B(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi l-ebda manteniment ma huwa dovut u allura ma hemm l-ebda pretensjoni reciproca dwar manteniment;*

*Illi ghalhekk isegwi illi f'dan il-kaz huma sodisfatti l-kritejri kollha mehtiega mil-Ligi sabiex jigi pronunzjat il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

*Illi ai fini tal-Artikolu 6N(1)(a) u (b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jigi dikjarat illi l-partijiet huma domiciljati f'Malta u jghixu Malta;*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-*

1. *Tiddikjara d-divorzju u l-hall taz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet nhar it-23 ta' Jannar 1982, ai termini ta' l-Artikolu 66D(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta; u*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-pronunzja ta' hall taz-zwieg ossia d-divorzju bejn il-partijiet, sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini ta' l-Artikolu 66A(4) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' GM datata 15 ta' Marzu 2019, a fol 15 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi fl-ewwel lok jinghad li mhux kontestat li l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo' datat il-ħdax (11) ta' Diċembru, tas-sena Elfejn (2000).*

2. *Illi lanqas m'huwa ikkontestat illi l-partijiet ilhom snin twal jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin.*

3. *Illi madankollu jingħad li kuntrarjament għal dak li jtenni r-rikors promotur, hemm kwistjonijiet ta' manteniment stante illi filwaqt li l-kuntratt ta' separazzjoni suriferit, permezz ta'* ***<u>Klawsola Erbgħa (4)</u>*** *jipprovdi illi:*

   ***"Ir-raġel jobbliga ruħu jħallas lill-mara s-somma ta' Lira Maltin (LM1.00) in linea ta' manteniment pagabbli kull ġimgħa bil-quddiem, preċiżament kull nhar ta' Ġimgħa permezz ta' depożitu fil-kont bankarju li jiġi indikat lir-raġel mill-mara."***

   *l-esponenti <u>qatt ma rċeviet manteniment mingħand ir-rikorrenti</u>, mid-data tal-att ta' separazzjoni relattiv sa llum.*

4. *Illi konsegwentament l-arretrati ta' manteniment dovuti lill-esponenti jammontaw sa llum, id-data ta' dina r-risposta, għal elfejn, mitejn u tmintax –il ewro (€2,218) stante illi għaddew disa' mija, tnejn u ħamsin (952) ġimgħa li fihom ir-rikorrenti kontinwament naqas milli jonora l-obbligi kontrattwali tiegħu versu l-esponenti.*

5. *Illi għalhekk ir-rekwiżiti għall-otteniment tad-divorzju m'humiex sodisfatti skond il-liġi u l-esponenti qed topponi għat-talbiet rikorrenti.*

Rat in-nota tal-intimata datata 13 ta' Marzu 2019, a fol 14, li permezz taghha, wara li ddikjarat dak premess sostniet illi hemm arretrati ta' manteniment;

Rati illi Dr Charlene Grima ghall-intimata, ddikjarat seduta stante illi il-kwistjoni tal-arretrati giet sorvolata, ghaldaqstant ma ghadx hemm pendenzi ta' manteniment; (vide fol 43);

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MM xehed** (vide affidavit fol 32) illi l-kontendenti izzewwgu nhar it-23 ta' Jannar 1982 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied, llum maggiorenni. Sostna illi dan iz-zwieg ma rnexxiex u filfatt l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt datat il-11 ta' Dicembru 2000. Iddikjara illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li llum jghixu hajja separata minn xulxin. Di piu, rigward l-allegazzjoni dwar il-manteniment dovut, wara li ddikjara dak premess, huwa sostna illi ma hemm ebda pendenzi da parti tieghu stante li mexa' ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni.

**GM xehdet** (vide fol 46 et seqq.) u kkonfermat u korroborat dak li xehed zewgha. Di piu' ddikjarat illi ma hemm ebda manteniment dovut, stante illi l-attur hallas dak kollu dovut fil-mori tal-kawza.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor,***

***fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-23 ta' Jannar 1982, liema zwieg jgib certifikat numru 106/1982 (Vide Dok A, certifikat taz-zwieg fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied, illum maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat il-11 ta' Dicembru 2000 fl-atti tan-Nutar Dr Marco Burlo (vide Dok. B fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi in segwitu tal-hlas li sar fil-mori tal-kawza mill-attur, ma ghadx hemm pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 106/1982 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Senza tassa.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**